MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 490/2013

Il-Pulizija

(Spettur Jesmond J. Borg)

vs

**John Lewis Cachia**

iben Joseph, imwieled l-Awstralja, fl-24 ta' Frar, 1963, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 584185(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Lewis Cachia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Awwissu 2009, kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt

Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 ta' l-1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh skont l-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292 ta' l-1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Talli akkwista, kellu l-pussess ghal liema ghan ikun jew zamm ghandu munizzjon imsemmi fl-Iskeda I tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. J. Apa Bologna LLD nhar l-10 ta' Jannar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Otturbu, 2013 fejn il-Qorti wara li rat

it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292 ta' l-1939, l-artikoli 3(a), 51(1)(b) u Skeda I tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 17 (f)(h) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu (salv ghal dak li nghad fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ossia illi ssibu hati tar-reat ikkontemplat f’din l-imputazzjoni fir-rigward tat-tliet xhur qabel is-16 ta’ Awwissu 2009 u mhux fir-rigward tas-16 ta’ Awwissu 2009) u ikkundannatu ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom **-** u multa ta’ disa’ mija u hamsin Euro (**€950)**, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li giet b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga li tifforma parti minn Dokument JJB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Skont l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-*pepper spray*, fil-waqt li ordnat r-rilaxx tal-*mobiles* lill-imputat, liema *pepper spray* u *mobiles* ukoll jifformaw parti minn Dokument JJB2.

Rat ir-rikors tal-appellant John Lewis Cachia tat-12 ta’ Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-htija u tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi l-esponenti gie kkundannat tmintax il-xahar prigunerija meta huwa jikkontendi li in effetti kellu jkun kkundanat inqas habs minn hekk. Illi

hawn si tratta ta' persuna li llum ghandu hamsin sena u certament allontana ruhu mid-dinja tax-xelleratizmu li forsi kien qabel fiha meta sehh dan il-kaz. Verament li l-esponenti kien ghamel il-habs fuq kaz ta' droga fl-imghoddi izda jekk wiehed jaqra l-istqarrija tal-imputat [il-kaz kollu jirrivolvi ma' dina l-istqarrija] jintebah li l-ispacc f'dan il-kaz ma' kienx ta' xi persuna li riedet takkwista lira a skapitu ta' haddiehor, izda kellna persuna li fic-cirku ta' shabu mhux l-ewwel darba li ha droga jew tahom u huma taw lilu. Huwa dan it-tip ta' traffikar li ghandna hawn, liema traffikar ghalkemm s'intendi llegali izda ma' huwiex fil-mertu dak it-traffikar kattiv li wiehed tant jistmerr u li s-socjeta tant trid li tikkontrolla. Il-kaz odjern jitratta grupp ta' hbieb li gieli hadu kokajina flimkien u gieli anke qdew lil xulxin. Minn qari akkurat tal-istqarrija wiehed jintebah li l- appellant kien onest mal-Pulizija u ma' qadx jilghab u jahlilhom il-hin. Il-kawza tieghu damet tkarkar, peress li tant kien hemm sentenzi konfliggenti inizjalment fuq it-tehid tal-istqarrija bla avukat li wiehed kellu bilfors ikun kawt qabel ma' akkademikament jaghmel certu dikjarazzjonijiet. Inoltre, wiehed ghandu jiehu ukoll in konsiderazzjoni l-ammont ta' droga li nstab hawn u cioe' dak ta' tlett [3] grammi biss. F'xenarju bhal dan, ghalkemm l-imputat jikkontendi li huwa jaf li bil-fors ghandu jkun hemm piena ta' habs effettiv, izda jikkontendi li dina kellha tkun ta' anqas minn dak li erogat l-Ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li l-appellant ihoss li hi wahda eccessiva.

Illi minn qari attent tas-sentenza wiehed jinduna mal-ewwel li l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-elementi kollha tal-kaz biex waslet ghall-erogazzjoni tas-sentenza. Ta' dan ma hemm xejn xi tghid. Min-naha l-ohra ghandu jigi rilevat li l-ewwel kaz tal-appellant li jirrigwarda d-droga jmur lura ghall-25 ta' Settembru, 1998 u dan il-kaz kellu l-bidu tieghu fit-tlett xhur qabel is-16 ta' Awwissu, 2009. Dak in-nhar l-appellant kellu sitta u erbghin sena

(46) u minn dak in-nhar ghaddew erba' snin. L-ammont tad-droga misjuba fuq il-persuna tieghu kienet ta' tlett (3) grammi u tfittxija fir-residenza tieghu tat ezitu negattiv. Jirrizulta wkoll li hu kkopera mal-pulizija mal-ewwel u spjega l-fatti kollha li wassluh biex ghamel dak li ghamel.

Illi fil-kuntest kollhu ta' dan il-kaz mitigazzjoni tal-piena erogata tkun wahda f'lokha. Mhux ghaliex l-Ewwel Qorti zbaljat fl-apprezzament taghha izda fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz wiehed ghandu jghin lill-appellant anki fi spirtu ta' gustizzja aktar liberali u konformi mal-insenjamenti ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fejn f'cirkostanzi differenti minn dan il-kaz uriet certa liberalita' fil-hsieb. Hawnhekk qed issir referenza ghall-kaz fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. George Farrugia' deciza fit-18 ta' Jannar, 2001 (per l-Imhallef Vincent Degaetano) fejn hemm referenza ghall-kuncett ta' "a window of opportunity".

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-htija ta' l-appellant, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok il-piena ta' tmintax il-xahar prigunerija timponi l-piena ta' tnax il-xahar prigunerija. Fil-kumplament is-sentenza appellata hi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------